**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

---

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 59

Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali numru 59 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 13 ta'Frar 2023, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut 9 ta'Frar, 2023
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Paul Bugeja Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Mary Borg Kunsillier

Online

- Carlos Zarb Viċi Sindku
- Alfred Bray Kunsillier
- Anne Marie Fenech Kunsillier
- Daryl Connor Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier

Skużat

- Anthony Delia Kunsillier

Assenti

- Stephen Cremona Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Anthony Attard Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30 hrs.

**60.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Kunsillier Anthony Delia

**60.2 Bini ta' Ċentru Ċiviku – Salvagwardja ta' Fondi GS/50000/2023**

Is-Sindku Alfred Grima wera s-sodisfazzjoni tiegħu għall-fatt, li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar aċċettat il-pjan imressaq mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar biex 4.5 miljun Euro fondi mid-Development Planning Fund (DEPF) jiġu riservati għall-proġett tal-bini ta' Ċentru Ċiviku f'San Pawl il-Baħar. Proġett maħsub li jinkorpora fiħ l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u tar-Reġjun Tramuntana, Għassa tal-Pulizija, Ċentru ta' Matul il-Jum għal Anzjani, Klinika, Librerija Pubblika, faċilitajiet ančillari oħra u parkeġġ pubbliku.

Din is-salvagwardja ta' finanzi tfisser, li mhux antiċipat, li l-kunsill jidħol fi djun biex jitwettaq il-proġett li mistenni li jiġi jiswa ċirka ta' 6.5 miljun Euro. Huwa mifhum, li dan huwa l-akbar investiment li qatt sar minn Kunsill Lokali f'Malta.

Is-Sindku nforma ukoll, li fetaħ diskussjonijiet preliminari mal-Ministru għax-Xogħlijiet Pubblici u l-Ippjanar, l-Onor.Stefan Zrinzo Azzopardi, biex possibilment il-kunsill jibbenifika minn għajnuna teknika meħtieġa.

Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li hu għandu fiduċja sħiħa fit-tmexxija tal-kunsill. Ressaq mozzjoni, li ġiet issekondata mill-Kunsillier Mary Borġ, sabiex l-istess tmexxija tal-kunsill tingħata l-fakulta' kollha li tiħu dawk il-passi meħtieħa biex il-proġett jitmexxa l-quddiem fl-anqas żmien possibbli u li titressaq rikjesta formali għall-għajnuna teknika lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubblici u l-Ippjanar.

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.com.

Il-Laqgħa ġiet fi tmiema fis-18.10 hrs


TRIQ SAN PAWL
Area A
1,205m²
Area B
4,322m²
1
2
3
4
5
6
7
8
9
10
11
12
13
14
15
TRIQ EMANUELE PINTO
OPTION 3
LANDS Authority
Estate Management & Business Development
Legend:
Extent interpreted from Registration
Indicative Scheme Alignments:
Road Scheme Alignment
Building Scheme Alignment
Note:
The interpretation of the Planning Authority Scheme Alignments is only indicative. Thus, a topographic survey with Scheme Alignments established by the Planning Authority is being recommended.
N